



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0275/2021**

12.5.2021

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kontrosanzjonijiet Ċinzi fuq entitajiet tal-UE, Membri tal-PE u Deputati nazzjonali  
(2021/2644(RSP))

**Michael Gahler, Radosław Sikorski, Sandra Kalniete, David McAllister, Miriam Lexmann, Isabel Wiseler-Lima, Christophe Hansen**  
f'isem il-Grupp PPE

**B9-0275/2021**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kontrosanzjonijiet Ċiniżi fuq entitajiet tal-UE, Membri tal-PE u Deputati nazzjonali (2021/2644(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar iċ-Ċina,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998<sup>1</sup> u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) f'isem l-Unjoni Ewropea tat-8 ta' Diċembru 2020 dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem,
  - wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/478 tat-22 ta' Marzu 2021 li jimplementa r-Regolament (UE) 2020/1998 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/481 tat-22 ta' Marzu 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-Diretturi tal-Istituti tar-Riċerka Ewropej tal-25 ta' Marzu 2021,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tad-29 ta' Marzu 2021 mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti Belġjana, il-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti Netherlandiża u l-Ispeaker tas-Seimas tar-Repubblika tal-Litwanja, dwar is-sanzjonijiet Ċiniżi kontra Membri tal-Parlament,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt, u r-rispett għalihom, għandhom jibqgħu fil-qalba tar-relazzjoni twila bejn l-UE u iċ-Ċina;
- B. billi fis-7 ta' Diċembru 2020 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2020/1998 li jistabbilixxi r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem,

---

<sup>1</sup> ĠU L 410I, 7.12.2020, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 410I, 7.12.2020, p. 13.

<sup>3</sup> ĠU L 99I, 22.3.2021, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU L 99I, 22.3.2021, p. 25.

li jippermetti lill-UE timponi miżuri restrittivi fuq individwi, entitajiet u korpi fil-mira – inklużi stati u atturi mhux statali – li jkunu responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u abbużi madwar id-dinja, jew ikunu involuti fihom jew assoċjati magħhom;

- C. billi l-UE tibqa' mħassba ħafna dwar il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u l-abbużi f'partijiet differenti tad-dinja, inkluża ċ-Ċina, imwettqa minn individwi u entitajiet, bħat-tortura, il-qtil extraġudizzjarju, l-għajbien furzat jew l-użu sistematiku ta' xogħol furzat; billi f'dan il-kuntest, erba' persuni Ċiniżi u entità waħda miċ-Ċina fit-22 ta' Marzu 2021 ġew inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi;
- D. billi s-sanzjonijiet tal-UE huma mmirati lejn l-individwi Ċiniżi u l-entità miċ-Ċina li ġejjin: Zhu Hailun, eks Viċi Kap tat-13-il Kungress tal-Poplu tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (XUAR); Wang Junzheng, Segretarju tal-Partit tal-Korp ta' Produzzjoni u Kostruzzjoni ta' Xinjiang (XPCC), Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (XUAR) fiċ-Ċina, Kummissarju politiku tal-XPCC u uffiċjal kap eżekuttiv tal-Grupp ta' Xinjiang taċ-Ċina; Wang Mingshan, Membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kumitat tal-Partit tal-XUAR u Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Poliċi u Legali tal-XUAR; Chen Mingguo, Direttur tal-Bureau tas-Sigurtà Pubblika ta' Xinjiang (XPSB) u Viċi President tal-Gvern tal-Poplu tal-XUAR; u l-Bureau tas-Sigurtà Pubblika tal-Korp ta' Produzzjoni u Kostruzzjoni ta' Xinjiang;
- E. billi r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jista' jipprojbixxi lil awturi ta' reati milli jidħlu fl-UE, jiffriża l-assi ta' awturi ta' reati fl-UE u jipprojbixxi lil kwalunkwe persuna mill-UE milli tagħmel disponibbli fondi u riżorsi ekonomiċi għal awturi ta' reati;
- F. billi l-awtoritajiet Ċiniżi ddeċidew li jissanzjonaw 10 persuni Ewropej u erba' entitajiet Ewropej; billi, fit-22 ta' Marzu 2021, il-Kelliem tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin taċ-Ċina ħabbar li dawn "jagħmlu ħsara kbira lis-sovranità u l-interessi taċ-Ċina u jxerrdu b'mod malizzjuż il-gideb u d-diżinformazzjoni";
- G. billi s-sanzjonijiet Ċiniżi huma mmirati lejn ħames Membri tal-Parlament Ewropew, jiġifieri Reinhard Bütikofer, Michael Gahler, Raphaël Glucksmann, Ilhan Kyuchyuk u Miriam Lexmann; is-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Parlament Ewropew; Membru wieħed tal-Parlament Netherlandiż, jiġifieri Sjoerd Wiemer Sjoerdsma; Membru wieħed tal-Parlament Federali Belġjan, jiġifieri Samuel Cogolati, u Membru wieħed tas-Seimas tar-Repubblika tal-Litwanja, jiġifieri Dovile Sakaliene; studjuż Ġermaniż wieħed, jiġifieri Adrian Zenz, u studjuż Żvediż wieħed, jiġifieri Björn Jerdén; il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea; l-Istitut Mercator għall-Istudji dwar iċ-Ċina fil-Ġermanja; u l-Fondazzjoni tal-Alleanza tad-Demokraziji fid-Danimarka;
- H. billi l-persuni kkonċernati u l-familji tagħhom huma pprojbiti milli jidħlu fiċ-Ċina kontinentali, f'Hong Kong u fil-Macao; billi huma, u l-kumpaniji u l-istituzzjonijiet assoċjati magħhom, huma wkoll ristretti milli jagħmlu negozju maċ-Ċina;
- I. billi l-VP/RGħ iddikjara matul id-dibattitu fil-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2021 li "Aħna esprimejna b'mod sod in-nuqqas ta' qbil tagħna mal-kontropartijiet Ċiniżi

tagħna, kemm fi Brussell kif ukoll fi bliet kapitali madwar l-Unjoni Ewropea. U se nkomplu nagħmlu dan għall-perjodu kollu li dawn il-miżuri jibqgħu stabbiliti";

- J. billi fit-30 ta' Diċembru 2020 l-UE u ċ-Ċina qablu fil-prinċipju fuq il-Ftehim Komprensiv dwar l-Investment bejn l-UE u ċ-Ċina (CAI);
1. Jikkundanna bil-qawwa l-miżuri ta' ritaljazzjoni meħuda mill-awtoritajiet Ċinzi kontra 10 persuni Ewropej u erba' entitajiet Ewropej, li huma sproporzjonati u mhux ġustifikati; jissottolinja li l-parteċipazzjoni fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, l-espressjoni tal-opinjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma komponenti importanti tad-demokrazija tagħna;
  2. Jesprimi s-solidarjetà sħiħa tiegħu mal-Membri tal-Parlament Ewropew, il-Membri tas-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Parlament Ewropew, il-Membri tal-Parlamenti nazzjonali, il-Membri tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-istudjużi Ġermaniżi u Żvediżi, u l-gruppi ta' riflessjoni fil-Ġermanja u fid-Danimarka;
  3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċinzi jerġgħu lura mid-deċiżjoni tagħhom li jissanzjonaw lil Membri tal-Parlamenti, lil ambaxxaturi tal-Istati Membri tal-UE, lil studjużi u lil gruppi ta' riflessjoni; jissottolinja li dan huwa ksur serju tal-libertà tal-espressjoni;
  4. Jistieden lill-VP/RGħ jerġa' jipprotesta kontra d-deċiżjoni tal-awtoritajiet Ċinzi li jissanzjonaw 10 persuni Ewropej u erba' entitajiet Ewropej, u jirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar l-eżitu tal-isforzi tiegħu;
  5. Jisħaq li l-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti Belġjana, il-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti Netherlandiża u l-Ispeaker tas-Seimas tar-Repubblika tal-Litwanja fid-29 ta' Marzu 2021 iddikjaraw li d-deċiżjoni tal-awtoritajiet Ċinzi "tista' taffettwa r-relazzjonijiet futuri bejn il-Parlamenti tagħna",
  6. Jilqa' l-adozzjoni tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem fis-7 ta' Diċembru 2020; jisħaq li r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, għal-libertà, għad-demokrazija, għall-ugwaljanza, għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet tal-bniedem jirfdu l-azzjoni esterna tal-UE;
  7. Itenni t-tħassib tiegħu dwar ir-reġim dejjem aktar oppressiv li ħafna minoranzi reliġjużi u etniċi qed iħabbtu wiċċhom miegħu, li jikser id-dinjità tal-bniedem tagħhom, kif ukoll id-drittijiet tagħhom għal-libertà tal-espressjoni kulturali u tat-twemmin reliġjuż, għal-libertà tal-kelma u tal-espressjoni, kif ukoll għal-libertà tal-għaqda paċifika u tal-assoċjazzjoni;
  8. Jiddeplora s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li sejra għall-aġar madwar iċ-Ċina kontinentali u f'Hong Kong; jeżiġi li l-awtoritajiet Ċinzi jirrispettaw il-libertajiet fundamentali;
  9. Jilqa' l-elenkar ta' erba' individwi Ċinzi u entità waħda miċ-Ċina fl-ambitu tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, peress li huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina; jisħaq li s-sanzjonijiet juru d-determinazzjoni qawwija tal-UE li tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem u li tieħu

azzjoni tanġibbli kontra dawk responsabbli għal ksur u abbużi;

10. Ifakkar lill-Kummissjoni li se jqis is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, inkluż f'Hong Kong, meta jintalab japprova l-ftehim dwar l-investment jew ftehimiet kummerċjali futuri mal-pajjiż;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.